



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-263/13 P

Ir-Renju ta' Spanja

vs

Il-Kummissjoni Ewropea

“Appell — Fond Ewropew għall-iżvilupp reġjonali (FEŻR) — Tnaqqis tal-għajjnuna finanzjarja — Metodu ta' kalkolu permezz ta' estrapolazzjoni — Proċedura ta' adozzjoni tad-deċiżjoni mill-Kummissjoni Ewropea — Nuqqas ta' osservanza tat-terminu mogħti — Konsegwenzi”

Sommarju — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-24 ta' Ġunju 2015

1. *Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali — Interventi strutturali — Finanzjament mill-Unjoni — Regolament Nru 1083/2006 — Korrezzjonijiet finanzjarji — Terminu ta' dekadenza għall-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni — Bidu tad-dekorrenza — Nuqqas ta' osservanza ta' dan it-terminu — Ksur tal-forom proċedurali sostanzjali*

(Regolament tal-Kunsill Nru 1083/2006, Artikolu 100(5))

2. *Dritt tal-Unjoni Ewropea — Prinċipji — Drittijiet tad-difiża — Prinċipju ta' kontradittorju — Rispett fil-kuntest ta' proċedura ġudizzjarja — Portata — Teħid ta' pożizzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kwistjonijiet ta' fatt u ta' dritt essenzjalment identiċi fil-kuntest ta' kawżi oħra — Ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja rigward id-dispożizzjoni inkwistjoni — Natura suffiċjenti*

(Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 75; Regolament tal-Kunsill Nru 1083/2006, Artikolu 100(5))

1. L-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' deċiżjoni li permezz tagħha hija tipproċedi għal korrezzjoni finanzjarja hija, mis-sena 2000, suġġetta għall-osservanza tat-terminu legali. It-tul tat-terminu mogħti lill-Kummissjoni sabiex tadotta din id-deċiżjoni jvarja skont il-leġiżlazzjoni applikabbli. Għalhekk, skont l-Artikolu 100(5), tar-Regolament Nru 1083/2006, li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni, il-Kummissjoni għandha tiegħu deċiżjoni dwar il-korrezzjoni finanzjarja fi żmien sitt xhur mid-data tas-smiġh u, jekk ma jsir l-ebda smiġh, il-perijodu ta' sitt xhur għandu jibda jiddekorri xahrejn wara d-data ta' l-ittra ta' stedina mibgħuta mill-Kummissjoni. Għalhekk, il-fatt, li l-Kummissjoni, ma adottatx deċiżjoni dwar il-korrezzjonijiet tal-għajjnuna finanzjarja li taqa' taħt dawn il-fondi fit-terminu stabbilit mill-imsemmija regolament jikkostitwixxi ksur tal-forom proċedurali sostanzjali fejn tali ksur, mill-Qorti Ġenerali, jikkostitwixxi żball ta' liġi.

(ara l-punti 50, 52, 56, 62, 63, 67)

2. Ħlief għal każijiet partikolari bħal, b'mod partikolari, dawk stabbiliti fir-Regoli tal-Proċedura tal-qradi tal-Unjoni, il-qorti tal-Unjoni ma tistax tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq motiv ta' liġi mqajjem *ex officio*, anki ta' ordni pubbliku, mingħajr ma qabel tistieden lill-partijiet sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fuq l-imsemmi motiv. Tali każ partikolari, fejn ma hemmx lok li l-partijiet

jiġu mistiedna sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar motiv jeżisti meta, minn naħa, il-Kummissjoni kellha okkażjoni suffiċjenti sabiex tippreżenta, fil-kuntest ta' proċedura kontradittorja fl-okkażjoni ta' kawżi preċedenti li kienu jirrigwardaw kwistjonijiet fattwali u legali essenzjalment identiċi, il-motivi u l-argumenti tagħha dwar il-portata tat-terminu impost fl-Artikolu 100(5) tar-Regolament Nru 1083/2006, li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni, u, min-naħa l-oħra, l-interpretazzjoni mogħtija lil din id-dispożizzjoni fl-imsemmija kawżi għandha titqies li hija stabbilita, peress li l-Qorti tal-Ġustizzja kienet ikkonfermat dan f'diversi kawżi sussegwenti għal dawn.

(ara l-punti 57-61)